

32003R2157

11.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 324/17

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2157/2003  
ta' l-10 ta' Diċembru 2003**

**li jemenda għas-sitta u għoxrin darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċertu miżuri speċifiċi restrittivi Indirizzati kontra ċertu persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċertu miżuri speċifiċi restrittivi Indirizzati kontra ċertu persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-networks ta' l-Al-Qaida u t-Taliban, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċertu merkanzija u servizzi lill-Afganistan, li jsaħħaħ l-interdizzjoni tat-titjir u jestendi l-ifriżar ta' fondi u riżorsi oħra finanzjarji fil-każ tat-Taliban ta' l-Afganistan <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2003 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż, ta' l-imsemmi,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet koperti bl-ifriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt ir-Regolament.
- (2) Fl-4 ta' Diċembru 2003, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċida li

jemenda l-lista tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandhom japplikaw l-ifriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. Għalhekk, l-Anness I għandu jkun hekk emendat.

- (3) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa hawnhekk emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-10 December 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Christopher PATTEN

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, tad-29.5.2002, pġ. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 303, tal-21.11.2003, pġ. 20.

## ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif.

Id-dħul li ġej għandu jkun miżjud taħt l-intestatura "Persuni naturali":

Saifi AMMARI (altrimenti (a) El Para (isem tal-ġlied), (b) Abderrezak Le Para, (c) Abou Haidara, (d) El Ourassi, (e) Abderrezak Zaimeche, (f) Abdul Rasak Ammane Abu Haidra, (g) Abdalarak). Data tat-twelid: L-1 ta' Jannar 1968.  
Post tat-twelid: Kef Riħ, Alġerija. Ċittadinanza: Alġerija.

---